MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 458/1990/1

**Emmanuel Grech bhala direttur u in rapprezentanza ta' Grech's Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Mejju 1990, l-attur nomine wara li ppremetta:

Li f'diversi okkazzjonijiet importa f'Malta merkanzija konsistenti f' "parts" ta' "water heaters" intizi sabiex minnhom jigu industrijalment manifatturati f'Malta "water heaters"; u

Li l-konvenut Kontrollur tad-Dwana ppretenda li jeleva fuq l-istess merkanzija impurtata mill-attur nomine d-dazju billi rritjena li l-istess oggetti ma jaqghux fl-esenzjoni mid-dazju prevista taht n-nota ghall-klassifikazzjoni 85.12 u b'hekk eleva fuq l-istess oggetti dazju; u

Li l-attur nomine hallas dan id-dazju taht protesta billi ppretenda li mhux dovut; u

Li fuq l-imsemmija konsenja ta' merkanzija ma kien hemm l-ebda dazju dovut billi l-oggetti impurtati kienu intizi ghall-industrija u manifattura u fi kwalsiasi kaz ma kienux u ma setghux jigu kklassifikati bhala "water heaters" fl-istat li gew impurati; u

Li ghalkemm l-attur nomine interpella lill-konvenut sabiex jirrifondi lilu d-dazju minnu indebitament imhallas dan baqa' inadempjenti;

Talab lill-ewwel Onorabbli Qorti:
(1) Tiddikjara li l-oggetti impurtati u elenkati fil-prospett esebit mac-citazzjoni ma kinux soggetti ghad-dazju u dan minhabba r-ragunijiet u fic-cirkostanzi fuq imsemmija;

(2) Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana jigi konsegwentement ikkundannat jirrifondi lill-attur nomine s-somma ta' tlett elef seba' mija u erbgha u sittin Lira disgha u tletin centezmu (LM3,764.39) jew somma ohra aktar preciza li tigi likwidata, imhallsa indebitament taht protest.

(3) Tikkundanna lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana jhallas bhala danni l-imghax minn dakinhar li sar kull hlas indebitu mill-attur nomine.

Bl-ispejjez fosthom dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru, 1989.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana eccepixxa in sostanza hekk:

(1) Li t-talbiet attrici huma dwar hlasijiet li saru bejn l-20 ta' Ottubru 1986 u l-10 ta' Frar 1987, u l-ittra ufficjali saret fit-22 ta' Settembru 1989; ghalhekk l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni kemm taht l-Art. 25 ta' l-Att XXV tal-1989 kif ukoll taht l-Art. 2153 tal-Kodici Civili; u

(2) Li s-socjeta` attrici kienet dahlet f'Malta water heaters zarmati (unassembled water heaters) li izda xorta huma water heaters kif imfisser fir-regolamenti 2(a) fl-Ewwel Skeda tat-Tariffa fl-Att XXV tal-1976 (li kien fis-sehh meta saret l-importazzjoni):

*"Kull riferenza f'intestatura ghal xi oggett ghandha tittiehed li tinkludi riferenza ghal dak l-oggett mhux komplet jew mhux lest ghal kollox, basta, kif prezentat, l-oggett mhux komplut jew mhux lest ghal kollox ikollu l-karattru essenzjali ta' l-oggett komplet jew lest minn kollox. Hija ghandha tittiehed ukoll li tinkludi wkoll riferenza ghal dak l-oggett komplet jew lest minn kollox (jew li jaqa' taht il-klassifika bhala komplet jew lest minn kollox bis-sahha ta' din ir-Regola), ipprezentat zmuntat jew zarmat."*

(3) Li t-tifsira moghtija mill-attur nomine lill-kliem "ghall-produzzjoni industrijali" fin-nota ghat-tariffa 85.12 fl-Att XXV tal-1976 mhijiex tajba ghax meta jinghad "ghall-produzzjoni industrijali" dan ifisser ghall-uzu fi produzzjoni industrijali u mhux biex issir manifattura industrijali bl-oggetti stess;

(4) Li l-hwejjeg ezentati mid-dazju, skond il-prassi tad-Dipartiment tad-Dwana, ma kienux jinkludu water heaters bhal dawk impurtati u, ladarba ma kienx hemm direttivi ohra jew ezenzjoni skond ligi ohra, il-konvenut ma kellux triq ohra hlief li jimponi dazju skond it-tariffa 85.12.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Permezz ta’ sentenza datata 10 ta’ Mejju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, laqghet it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-talbiet ta’ l-attur nomine bl-ispejjez, eskluzi dawk ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kontra tieghu.

**L-APPELL TA’ L-ATTUR NOMINE**

4. L-attur nomine hass ruhu aggravat b’din is-sentenza u minnha interpona appell fuq l-aggravju segwenti:

4.1 Illi l-bazi kollha tal-kaz hija jekk “parts” intizi sabiex jigu wzati flimkien ma’ parts ohra ghall-assemblagg ta’ “water heaters” kellhomx jigu ezenti mid-dazju.

L-ewwel Qorti in vista tan-natura teknika tal-kaz in kwistjoni kienet appuntat espert legali lil Dr. Joe Micallef Stafrace u espert tekniku, inizjalment lil Dr. Charles Belli u wara l-premorienza ta’ l-istess lill-Professur Joseph Agius. Dawn l-esperti teknici rredaw ir-rapport taghhom u waslu ghall-konkluzjoni fil-paragrafu 30 ta’ l-istess rapport li

**“Ghalhekk fil-fehma ta’ l-esponenti dawk l-oggetti importati u elenkati fil-prospett Dokument “A” m’ghandhomx ikunu soggetti ghad-dazju u dana ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra.”**

4.2 Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tikkontendi li sabiex ikun hemm dritt ghal esenzjoni mid-dazju jridu jigu sodisfatti zewg aspetti tal-ligi: L-ewwel aspett huwa dak li tipprovdi l-ligi tad-dazju li “partijiet importati ghall-produzzjoni industrijali ghandhom jithallew jidhlu minghajr hlas ta’ dazju”; u t-tieni aspett huwa dak kontemplat *fir-regolament* 2(a) fl-Ewwel Skeda tat-Tariffa fl-Att XXV tal-1976 (li kien fis-sehh meta saret l-importazzjoni);

“Kull riferenza f’intestatura ghal xi oggett ghandha tittiehed li tinkludi riferenza ghal dak l-oggett mhux komplet jew mhux lest ghal kollox, basta, kif prezentat, l-oggett mhux komplut jew mhux lest ghal kollox ikollu l-karattru essenzjali ta’ l-oggett komplet jew lest minn kollox. Hija ghandha tittiehed ukoll li tinkludi wkoll riferenza ghal dak l-

oggett komplet jew lest minn kollox (jew li jaqa’ taht il-klassifika bhala komplet jew lest minn kollox bis-sahha ta’ din ir-Regola), ipprezentat zmuntat jew zarmat.”

U cioe` li l-ligi tqis ukoll bhala oggett komplet jew lest minn kollox dak l-oggett ipprezentat zmuntat jew zarmat.

4.3 L-appellant ihoss ruhu ferm aggravat bir-ratio ta’ l-ewwel Qorti illi qalet li sabiex wiehed jaghti interpretazzjoni armonjuza lil-ligi wiehed ghandu jaccetta t-tielet eccezzjoni tal-konvenut li l-interpretazzjoni tal-kliem “ghall-produzzjoni industrijali” fin-nota ghat-tariffa 85.12 fl-Att XXV tal-1976 mhijiex tajba ghax meta jinghad “ghall-produzzjoni industrijali” dan ifisser ghall-uzu fi produzzjoni industrijali u mhux biex issir manifattura industrijali bl-oggetti stess;

L-appellant ihoss ruhu aggravat b’dan ir-ratio ta’ l-ewwel Qorti minhabba zewg ragunijiet principali: primarjament ma jaqbilx ma’ din l-**interpretazzjoni** kif ser jigi spjegat; u sekondarjament anke jekk wiehed jaccetta din l-interpretazzjoni mill-**apprezzament korrett tal-fatti** xorta wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni li l-parts importati mis-socjeta` appellanti kellhom jigu ezentati mid-dazju.

4.4 Illi zgur li wiehed ma jistax jaqbel li wiehed jaghti lill-kliem “ghall produzzjoni industrijali” interpretazzjoni konformi mat-tielet eccezzjoni. Allahares wiehed jaccetta din l-interpretazzjoni ghaliex allura kwalunkwe materja prima importata Malta sabiex tigi wzata fi produzzjoni industrijali tigi soggetta ghad-dazju. Ghalhekk fil-kaz odjern l-importazzjoni f’Malta ta’ “parts” ta’ water heaters, li maghhom imbaghad zdiedu parts ohra u sar process industrijali ta’ manifattura, sabiex wiehed imbaghad jikkreja “water heater” zgur li ghandu b’kull ragunament jitqies bhala produzzjoni industrijali li jikkwalifika ghall-esenzjoni mid-dazju.

5.1 Jekk wiehed jara l-provi mressqa u l-apprezzament tan-nies teknici, primarjament l-espert tekniku l-Professur Agius, wiehed mill-ewwel jara li l-parts li dwarhom qed tigi kkontestata l-esenzjoni ma kellhomx il-karatterisitika

essenzjali ta’ l-oggett komplet, “water heaters”. Ir-rapport stess jghid: “**Minn ezami tal-process mehtieg ghall-manifattura kif ukoll tal-funzjonament ta’ l-“electric water heater” jirrizulta wkoll illi jekk wiehed kellu jassembla u jimmonta l-partijiet impurtati wahedhom minghajr ma jinkludi l-partijiet l-ohra provduti Malta (u x-xoghol biex dawn il-partijiet lokali jigu mmanifatturati) dawn <u>ma jikkostitwux</u> “water heater”.**”

5.2 L-ewwel Qorti fil-konkluzjonijiet taghha qalet li l-ipprocessar industrijali tas-socjeta` appellanti kien konsistenti “**f’armar jew immontar” u ghalhekk ma kellux jikkwalifika ghal ebda esenzjoni mid-dazju. Illi l-esperti legali u tekniku, kienu indirizzaw din il-kwistjoni *ad hoc* f’paragrafu 22 u 23 tar-rapport taghhom meta qalu: “Jekk jirrizulta li l-manifattura ta’ l-“electric heaters” tikkonsisti f’operazzjoni semplici ta’ immuntar ta’ dan l-apparat b’valur mizjud negligibbli l-eccezzjoni tal-konvenut tkun sostenibbli, izda jekk dan mhux il-kaz it-talbiet ta’ l-attur nomine jkunu allura gustifikati”; U “Jekk il-partijiet impurati humiex wahedhom kwazi sufficjenti (minghajr zieda ta’ partijiet ohra) sabiex bihom jigi manifatturat “electric water heater” komplut funzjonabbli li jista’ jinbiegh fis-suq. Jekk jirrizulta li dan hu fl-affemattiv, l-eccezzjoni tal-konvenut tkun allura sostenibbli izda jekk fin-negattiv it-talbiet ta’ l-attur nomine jkunu gustifikati.**” Fl-ezami ta’ dawn l-aspetti li huma l-bazi tal-kawza rrizulta li fil-manifattura tal-“water heaters” kien hemm diversi parts ohra li kienu gew provduti jew mizjuda lokalment, fost dawn insibu:

(i) ix-“sheets” tondi ta’ fuq u isfel;

(ii) l-ghotjien ta’ l-azzar mhux galvanizzat ta’ fuq u t’isfel;

(iii) il-kullar li jidhol fil-“jablo insulator” t’isfel li hu maghmul minn pjanca ta’ l-azzar galvanizzat.

(iv) Zewg karlotti ta’ l-azzar galvanizzat li gieli jigu impurtati lesti jew isiru lokalment.

(v) Il-brackets ta' l-azzar galvanizzat u l-kamini li gieli jigu impurtati lesti jew isiru lokalment;

(vi) "Electric terminals" u vit ta' l-azzar galvanizzat li jinxtraw lokalment.

Imbaghad rigward ix-xoghol tal-manifattura li jsir Malta nsibu:

(i) Qtugh u twahhil ta' l-insulation madwar it-tank intern, liema insulation trid tigi marbuta mat-tank intern;

(ii) Iffittjar ta' l-insulated inner vessel gol-qafas jew cilindru ta' barra. Liema cilindru gieli jkollu bzonn jigi sprejjat abjad lokalment. Jitwahhlu t-tlitt viti li jorbtu l-"insulated inner vessel" ma' l-"outer casing". Isir ukoll titqib ta' l-inner vessel biex jitwahhlu l-brackets tieghu;

(iii) Jigu manifatturati zewg ghotjien tal-casing ta' barra minn pjanci ta' l-azzar, iz-zewg sheets tondi ta' fuq u t'isfel, il-kullar ta' l-azzar galvanizzat li jidhol fil-jablo insulator tal-qiegh.

(iv) Isiru l-kamini kollha mehtiega, jigu ffitjati l-"electric heating element", it-"thermostat", il-"water flow regulator", is-safety valve", flimkien ma' l-"inlet" u l-"outlet pipe", l-indicators u l-"outlet extension". Titwahhal l-iskorfina li taghlaq it-toqba ta' fuq ta' l-inner vessel, jigu ikkonnettjati il-"pilot lamp", u t-"thermostat" flimkien mal-"wiring" intern rilevanti.

(v) Jitwahhlu l-ghotjien ta' fuq u t'isfel inkluzi z-zewg covers tal-plastik u jigi ffitjat it-termometru u jigi ssiggilat il-water heater.

(vi) Jigi ccekkjat l-electric water heater bhala prodott shih permezz ta' spezzjoni u testijiet biex jigi verifikat u zgurat il-prodott hu ta' kwalita` tajba, konformi mar-Regolamenti. Dan jirrikjedi l-impieg ta' nies kompetenti

fis-sengha tal-mekkanika u elettriku biex jizguraw is-sigurta` tal-prodott.[1]

Ghall-ewwel Qorti dawn il-parts kollha li jigu suppliti lokalment u dan il-process industrijali ta’ manifattura qishom ma ezistewx u kkonkludiet li l-process industrijali kien jikkonsisti biss fl-immuntar jew armar tal-parts impurtati. Ghalhekk ihoss ruhu aggravat l-appellant.

5.3 Illi barra mis-suespost mix-xiehda migbura mill-istess esperti gie kkostatat li:

(i) **“Sabiex jigu manifatturati “electric water heaters” jirrizulta li l-process ta’ l-immuntar ta’ dan il-prodott certament ma jistax jitqies bhala process semplici, sabiex il-“water heaters” jigu manifatturati jehtiegu haddiema kompetenti fis-sengha u manifattura elettrika u mekkanika flimkien ma’ certu ammont ta’ makkinarju industrijali, ghodod u “test equipment”.”[2]**

(ii) Meta wiehed jikkonsidra l-parts importati u jipparagunahom mal-parts mizjuda lokalment u l-manodopera li twassal ghall-manifattura ta’ l-“electric water heaters” “**jirrizulta li l-valur mizjud ivarja kwazi minn 86% ghal heater ta’ 10 litri, ghal medja ta’ circa 190% tal-prezz tal-partijiet impurtati fil-kaz tal-heaters ta’ 30,50 u 80 litri. <u>Ghalhekk il-valur mizjud zgur li mhux negligibbli anzi fil-fatt hu verament sostanzjali.</u>**”[3]

(iii) **Kieku wiehed kellu jassembla u jimmonta l-partijiet impurtati wahedhom minghajr ma jinkludi l-partijiet l-ohra provduti Malta (u x-xoghol biex dawn il-partijiet lokali jigu manifatturati) dawn ma jikkostitwux “water heater” komplet li jista’ jiffunzjona sew li jista’ jinbiegh fis-suq.”[4]**

[1] Vide klawzola 24 tar-rapport peritali
[2] Vide klawzola 25 tar-rapport peritali
[3] Vide klawzola 27 tar-rapport peritali
[4] Vide klawzola 28 tar-rapport peritali

Illi wara li ezaminaw dan kollu, l-esperti kienu taw ir-risposta taghhom ghad-domandi mqajma fil-klawzoli 22 u 23 tar-rapport taghhom (riportati fil-para. 13 aktar ’il fuq) billi kienu waslu ghall-konkluzjoni li l-parts importati kellhom jigu ezentati mid-dazju. L-ewwel Qorti izda dehrilha li ma kellhiex taqbel ma’ l-esperti u ghalhekk huwa naturali l-aggravju ta’ l-appellant.

5.4 L-ewwel Qorti fl-interpretazzjoni taghha tal-ligi, sahqet li kienet qeghda taghti din l-interpretazzjoni sabiex ikun hemm armonija fil-ligi. L-appellant jirribadixxi li ma jaqbilx ma’ l-interpretazzjoni moghtija, izda ghall-finijiet purament ta’ armonija fil-ligi jigbed l-attenzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti ghar-regolament 2(a) tal-First Schedule Customs Tariff ta’ l-Import Duty Act, allura applikabbli, li kien jipprovdi li white goods li jigu impurtati “completely knocked down” ghandhom jigu kkunsidrati bhal li kieku kienu assembled. Mis-suespost wiehed mill-ewwel japprezza li l-parts li gew importati mill-appellant, u li maghhom kellhom jizdiedu parts ohra u jsir process ta’ manifattura, zgur li ma jikkostitwux *completely knocked down white goods*. U allura zgur li dawn il-parts ma jimmeritawx l-istess trattament ta’ *completely knocked down white goods*, kif effettivament tfisser is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti. Ghalhekk anke ghall-iskopjiet ta’ interpretazzjoni armonjuza biss wiehed irid jinterpreta l-ligi fi sfond usa minn dak uzat mill-ewwel Qorti.

5.5 Illi l-istess konvenut, kif jirrizulta mill-provi mressqa kien ghal diversi snin irrikonoxxa li l-parts kienu intizi ghal process industrijali u ma kienx qed izomm dazju fuqhom, kien biss sussegwentement li xi hadd fi hdan l-istess Dipartiment, ghal xi skop, iddecieda li jibda jesigi l-hlas tad-dazju, haga li l-appellant dejjem hallas “under protest”.

(i) Illi in konkluzjoni l-appellant jistrieh fuq il-gurisprudenza nostrana f’dan ir-rigward, liema gurisprudenza taghmilha cara illi jekk il-process industrijali huwa “*simple assembly operation*” allura, ghandu jithallas id-dazju, izda jekk il-process industrijali hu **aktar** minn “**simple assembly operation**” bhal fil-kaz odjern, allura ghandu jigi ezentat mid-dazju. F’dan is-sens vide *Vincent*

*Farrugia et noe v. Kontrollur tad-Dwana, Prim Awla, Onor. Imhallef A. Magri, 12/2/1993.* F'dan is-sens ukoll referenza ssir ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell: *Carmelo Zammit La Rosa noe v. Kontrollur tad-Dwana, 7 ta' Dicembru, 1987.*

Ghaldaqstant l-appellant nomine, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata ta' din il-Qorti fl-ewwel istanza tal-10 ta' Mejju 2002, billi tilqa' t-talbiet attrici u minflok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**IR-RISPOSTA TAL-KONTROLLUR TAD-DWANA**

6. Il-konvenut appellat wiegeb hekk:

(1) Illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

(2) Illi l-esponent jirrileva illi huwa ma ghandux wisq x'izid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti peress li r-ratio li bih waslet ghall-konkluzjoni favur l-esponent fuq il-mertu huwa fil-fehma umili tieghu korrett u bazat fuq interpretazzjoni korretta tal-ligi;

(3) Illi l-punti ta' kontestazzjoni jirrigwardaw zewg punti u cioe`:

(a) il-parti tal-ligi tad-Dwana li tipprovdi li "partijiet importati ghall-*produzzjoni industrijali* ghandhom jithallew jidhlu minghajr hlas ta' dazju";

(b) ir-regolament 2 (a) fl-ewwel skeda tat-Tariffa fl-Att XXV tal-1976

(**a) Dwar Produzzjoni Industrijali**

(i) L-attur qed jikkontendi li l-kaz odjern ta' "importazzjoni f'Malta ta' *parts* ta' water heaters, li maghhom zdiedu parts ohra" biex isiru water heaters ghandu jitqies bhala produzzjoni industrijali li jikkwalifika ghal ezenzjoni mid-dazju.

(ii) Illi bir-rispett kollu l-konvenut ma jaqbilx ma' din it-tezi u jikkonferma l-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens li l-process li timmonta jew tarma oggett ma hux il-process industrijali li fih innfisu jehles mid-dazju, ghax inkella l-ligi jkun fiha kontradizzjoni fiha nfisha, fis-sens illi disposizzjoni wahda tkun tipprovdi li oggetti importati ghall-produzzjoni industrijali m'hemmx dazju fuqhom, u disposizzjoni ohra tkun tghid illi oggetti importati biex isir fuqhom il-process industrijali ta' armar u mmontar xorta jithallas dazju fuqhom.

(iii) Hu ghalhekk li l-konvenut ihoss li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-interpretazzjoni taghha dwar dan il-punt fis-sens illi fid-dawl tas-suespost huwa ovvju li l-"process industrijali ta' mmontrar jew armar" bhal dak maghmul mis-socjeta` attrici fuq il-parts tal-water heaters importati minnha m'ghandux jitqies bhala l-"process industrijali" li jintitola lill-attur ghall-ezenzjoni mill-hlas tad-dazju.

Effettivament il-process industrijali li jezenta mill-hlas tad-dazju m'huwiex ix-xoghol li jsir fuq l-oggett importat izda x-xoghol li jsir bih ghall-produzzjoni ta' hwejjeg ohra. Kull interpretazzjoni ohra tkun qed tmur kontra l-ispirtu tal-ligi.

**(b) <u>Dwar ir-regolament 2(a) fl-ewwel skeda tat-Tariffa fl-Att XXV tal-1976</u>**

(i) Dan ir-regolament li kien vigenti fil-pejrodu ta' l-importazzjoni ta' l-oggetti in kwistjoni jistipula li:

"Kull riferenza f'intestatura ghal xi oggett ghandha tittiehed li tinkludi riferenza ghal dak l-oggett mhux komplet jew mhux lest ghal kollox, basta, kif prezentat, l-oggett mhux komplut jew mhux lest ghal kollox ikollu l-KARATTRU ESSENZJALI ta' l-oggett komplut jew lest minn kollox (jew li jaqa' taht il-klassifika bhala komplet jew lest minn kollox bis-sahha ta' din ir-Regola), ipprezentat zmuntat jew zarmat."

(ii) Il-kwistjoni principali dwar dan ir-regolament hu jekk il-water heaters in kwistjoni kellhomx il-Karattru Essenzjali ta' l-oggett komplut.

(iii) Illi l-konvenut in vista ta' l-interpretazzjoni tieghu moghtija aktar 'il fuq, jikkontendi bi qbil ma' l-ewwel Qorti li l-valur mizjud lokalment meta mqabbel mal-valur tal-parts importati m'ghandux ikun il-kriterju biex jigi deciz jekk il-parts importati wahedhom ghandhomx il-"karattru essenzjali" li trid il-ligi. U ghalhekk mhux il-kaz li jinghad dak li qal l-appellant fl-ahhar paragrafu tal-punt 13 ta' l-appell tieghu li l-ewwel Qorti injorat il-fattur tal-parts li jigu suppliti lokalment.

(iv) Illi inoltre rigward il-bicciet li saru lokalment issir referenza ghax-xiehda ta' l-espert tekniku a fol. 112 et seq. tal-process fejn hu ddikjara li dawn huma "bicciet zghar" u "ta' natura sekondarja". Dan apparti l-fatt li l-parts kif importati ma seta' jinholoq bihom ebda prodott iehor hlief water heaters u allura dawk il-parts kienu ESSENZJALMENT il-partijiet ewlenin ta' water heater zmontat, xejn aktar u xejn anqas.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

7. L-attur nomine (appellant odjern) mhux jaqbel mas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad billi la jaqbel ma' l-interpretazzjoni li nghatat minnha relativament ghall-kliem tal-ligi (Att XXV tal-1976) dwar x'jitqies li ghandu jkun oggett importat lokalment "ghall-produzzjoni industrijali"; u fit-tieni lok, anke jekk wiehed kellu jaccetta l-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti, apprezzament korrett tal-fatti xorta wahda ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-"parts" importati mis-socjeta` attrici appellanti kienu ezenti minn kull imposta ta' dazju.

8. Ma hemmx dubju li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-aspetti legali tal-vertenza, il-pern tal-kwistjoni jirrigwarda intimament l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lir-regolament 2(a) fl-ewwel skeda tat-tariffa ta' l-Att XXV tal-1976 li jistipula li gej,

"Kull riferenza f'intestatura ghal xi oggett ghandha tittiehed li tinkludi riferenza ghal dak l-oggett mhux komplet jew mhux lest ghal kollox, basta, kif prezentat, l-oggett mhux komplet jew mhux lest ghal kollox ikollu l-karattru essenzjali ta' l-oggett komplet jew lest minn kollox. Hija ghandha tittiehed ukoll li tinkludi wkoll referenza ghal dak l-oggett komplet jew lest minn kollox (jew li jaqa' taht il-klassifika bhala komplet jew lest minn kollox bis-sahha ta' din ir-Regola) ipprezentat zmuntat jew zarmat."

Qabel ma taghti l-fehma taghha, din il-Qorti trid taghmila cara mill-bidu li m'hijiex il-funzjoni taghha li tissostitwixxi dik id-diskrezzjoni vestita bil-ligi f'awtorita` amministrattiva billi taghti l-interpretazzjoni taghha minflok dik moghtija anke fejn ikun irrizulta li l-interpretazzjoni raggunta minn dik l-awtorita` tkun ukoll interpretazzjoni valida u ragjonevoli. F'decizjoni recensjuri moghtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fl-24 ta' Settembru 2004, fil-kawza fl-***ismijiet C. Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana*** gie ritenut inter alia, li

"…ma ghandu jkun hemm ebda dubju illi kien jispetta lill-appellat, bhala Kontrollur tad-Dwana, illi jiddetermina kif kellha tigi klassifikata l-merkanzija in kwistjoni. Tali determinazzjoni ta' l-appellat tammonta ghal azzjoni amministrattiva u, ghalhekk kienet legalment korretta l-posizzjoni enuncjata mill-ewwel Qorti – u lamentata mill-appellant fit-termini segwenti:

Fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha tezamina l-accertamenti teknici maghmula mill-konvenut u tannullahom biss jekk jirrizultalha li dawn kienu manifestament zbaljati u cioe` li l-ebda awtorita` amministrattiva ragjonevoli ma setghet tasal ghal dawk l-accertamenti. Inkella l-Qorti tkun qed tuzurpa l-funzjoni ta' l-awtorita` amministrattiva u ma tkunx semplicement qed taghmel stharrig gudizzjarju" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

9. Mehud in konsiderazzjoni s-suespost bhala punt ta' tluq, il-kaz in ezami xorta wahda kien jipprezenta diffikultajiet notevoli ghar-rizoluzzjoni finali tieghu min-naha ta' din il-Qorti, kif ukoll dik li ddecidiet qabilha. Ir-raguni ghal tali diffikulta` gejja mill-fatt li f'dan il-kaz mhux

biss jirrizulta li hemm relazzjoni gudizzjarja prezentata minn espert legali u iehor tekniku li taw opinjoni favur it-tezi ta' l-attur appellant imma jirrizulta wkoll li kien hemm sahansitra zmien meta l-istess konvenut appellat kien jahsibha mod iehor billi fl-imghoddi kien ihalli oggetti bhax-xorta in kwistjoni jigu importati lokalment bla ma jithallas dazju fuqhom. Min-naha l-ohra pero` jirrizulta wkoll li d-decizjoni li permezz taghha l-konvenut appellat, il-Kontrollur tad-Dwana, bidel fehemtu, ma kinitx xi decizjoni li ttiehdet kif gib u lahaq. Ghal kuntrarju, mill-provi jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet giet debitament infurmata li "parts" bhal dawk in kwistjoni ma kenux ser jibqghu jithallew jidhlu aktar gewwa Malta bla hlas ta' dazju. Jirrizulta inoltre li, in segwitu ta' din it-twissija, l-attur nomine baqa' jopponi ghal tali decizjoni, ghamel rapprezentazzjonijiet ma' entitajiet konnessi mad-Dipartiment ta' l-Industrija, pero` l-ezitu finali baqa' wiehed negattiv ghalih.

10. Is-suespost ghalhekk jerga' jqieghed kollox mill-gdid taht il-lenti fis-sens li l-kompitu tal-Qorti huwa dak li tara jekk il-Kontrollur tad-Dwana, in adempiment tal-funzjonijiet tieghu qua Kontrollur, qedhiex l-istess funzjonijiet tieghu skond il-ligi, imqar jekk haddiehor seta` jew ma jaqbilx mieghu in toto mal-mod kif dan ikun iddecieda, jew inkella, jkun jidhirlu li jezisti mod iehor differenti kif wiehed ghandu jhares u/jew jinterpreta d-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi. Issa jekk wiehed jifli sew s-sentenza appellata jsib li bhala ezercizzju l-ewwel Qorti hekk proprju ghamlet – u dan ghamlitu wara li qieset debitament kemm ir-rizultanzi li jinsabu dedotti fir-relazzjoni peritali kif ukoll fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti. Fil-fatt, l-ewwel Qorti kellha l-okkazjoni li tosserva, fost ohrajn, is-segwenti:

**"Interpretazzjoni korretta tal-ligi ma tqisx biss partijiet minnha mehuda wehidhom, izda tqis id-disposizzjonijiet kollha relevanti sabiex l-interpretazzjoni tkun wahda li taghti tifsira armonjuza lill-partijiet kollha tal-ligi:** ***incivile est nisi tota lege perspecta una aliqua particula eius proposita iudicare vel respondere.***

11. Huwa minnu illi hemm id-disposizzjoni, li fuqha qeghda tistrieh is-socjeta` attrici, illi l-partijiet importati ghall-produzzjoni industrijali ghandhom jithallew jidhlu minghajr hlas ta' dazju. Huwa minnu wkoll izda illi l-ligi tqis ukoll bhala oggett komplet jew lest minn kollox dak l-oggett ipprezentat zmuntat jew zarmat. Fi kliem iehor l-ewwel Qorti, kondivizi pjenament minn din il-Qorti,
**"Dan ifisser illi l-process illi timmonta jew tarma ma hux il-process industrijali li jehles mill-hlas tad-dazju, ghax inkella l-ligi jkun fiha kontradizzjoni fiha nfisha: dispozizzjoni wahda tkun tghid illi oggetti importati ghall-produzzjoni industrijali ma hemmx dazju fuqhom, u dispozizzjoni ohra tkun tghid illi oggetti importati biex isir fuqhom il-process industrijali ta' immontar jew armar xorta jithallas dazju fuqhom. Ghandu jkun ovvju, mela, illi "l-process industrijali ta' immontar jew armar" bhal dak li taghmel is-socjeta` attrici fuq il-*parts* tal-*water heaters* importati minnha ma hux il-process ta' "produzzjoni industrijali" illi jehles mill-hlas tad-dazju. Il-process ta' produzzjoni industrijali li jehles mill-hlas tad-dazju, kif sewwa qal il-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu, ma hux ix-xoghol li jsir fuq il-haga importata izda x-xoghol li jsir biha ghall-produzzjoni ta' hwejjeg ohra.**

**"Ghalhekk il-fatt illi s-socjeta` attrici jkollha taghmel xoghol fuq il-*parts* importati, ladarba dak ix-xoghol ma hux xoghol ta' produzzjoni industrijali kif tifhem dak il-kliem il-ligi, ma jehlishiex mill-hlas tad-dazju."**

12. Il-Qorti siltet <u>in extenso</u> din il-parti mis-sentenza appellata ghar-raguni li hija taqbel maghha. Ma teskludix li jista' jkun hemm argumenti daqstant iehor tajbin biex wiehed jigbed konkluzjoni diversa – kif qeghda tipprova taghmel is-socjeta` appellanti – imma din il-Qorti tinklina lejn l-interpretazzjoni kif moghtija mill-ewwel Qorti u li tinzerta li taqbel mal-linja interpretattiva li addotta l-konvenut appellat.

13. Ghal darb'ohra s-socjeta` appellanti regghet issottomettiet li, imqar jekk l-interpretazzjoni moghtija mill-

Kontrollur appellat u accettata mill-ewwel Qorti, kienet dik korretta, xorta wahda l-provi prodotti kienu juru bic-car li bhala fatt il-valur mizjud lokalment f'mano d'opera u specjalizzazzjoni, meta mqabbel mal-valur ta' l-oggetti importati, kellu jkun il-kriterju biex jiddetermina jekk fl-oggetti importati wahedhom kellhomx dak il-"karattru essenzjali" li jissemma' fil-ligi.

14. Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet ta' naha jew ohra taht dan l-aggravju, u wara li hasbet fit-tul, hija tal-fehma li meta wiehed iqis sew ir-ratio legis ghandu jikkonkludi li, ghalkemm kien minnu li l-immontar tal-"water heaters" de quo kien jirrikjedi ammont ta' xoghol u ta' specjalizzazzjoni, madanakollu tibqa' impregudikata d-decizjoni mehuda mill-Kontrollur tad-Dwana li l-"parts" importati kellhom tabilhaqq u inkonfondibilment il-"karattru essenzjali" ta' "water heaters" jew, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti,

**"Dan ifisser li dawk il-"parts" kienu essenzjalment il-partijiet ewlenin ta' "water heater" zmontat, u xejn aktar."**

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu taghha, filwaqt li l-ispejjez gudizzarji relativi ghall-proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili jibqghu invarjati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------